MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 42/2002/1

**Brian’s Tyre Services Limited**

**Vs**

**Abdorabo Afifie Abdullah**
**u Mary Carmen Abdorabo**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ Lm3,362.00,0 (tlett elef tlett mija u tnejn u sittin lira) in kwantu ghal tlett elef u mitejn lira bilanc tal-prezz, tmienja u sebghin lira imghax sa llum u erbgha u tmenin lira bank charges, ammont mill-konvenuti dovuti ai termini tal-ftehim ta’ bejniethom tat-2 ta’ Lulju 2001, rapprezentanti prezz tal-vettura Tata Crew Cab – SUN 569, debitament konsenjata lill-konvenuti.

Bl-imghax legali mid-data tal-avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-23 ta‘ Novembru 2001 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat dak verbalizzat a fol 9 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuti, bl-ebda mod, ma kkontestaw it-talba attrici.

Ikkunsidrat

Illi, inoltre, Noel Gauci in rappresentanza tas-socjeta' attrici xehed, illum stess, dwar il-ftehim li intlahaq bejn il-partijiet in konnessjoni ma dan il-kaz, liema ftehim gie esebit mill-istess xhud u jinsab anness ma' dawn l-atti.

Illi l-istess xhud, wara li ppresenta “seduta stante”, l-annessa nota ta' riduzzjoni, ikkonferma li fid-data tallum, il-konvenuti kien ghad fadlilhom jhallsu bilanc ta' Lm747.00,0.

Ikkunsidrat

Illi, a basi tal-premess, ghandha tigi milqugha t-talba attrici, limitatament ghall-ammont kif ridott.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm747.00,0 bl-imghax tat-8% dekorribbli mis-7 ta' Frar 2002 sad-data tal-pagament effettiv u dan skond il-paragrafu 2 tal-imsemmi ftehim, liema somma di gja tinkludi l-ispejjes kollha in konnessjoni ma dawn il-proceduri, kif jinghad fl-istess paragrafu 2 tal-skrittura ta' ftehim annessa.

---------------------------------TMIEM---------------------------------